**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 29/2020 PM1**

**Jonathan Aquilina (ID 122779(M))**

**Vs**

**Silvana Anna Ungaro**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2020 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess attur is-somma ta' elf euro (€1000) rapprezentanti bilanc dovut fuq xogholijiet ta' kostruzzjoni fosthom tibjid, twahhil ta' utilitajiet u xoghol iehor u dan fi proprjeta` taghha bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghax kontra l-istess ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-intimata qatt ma giet interpellata sabiex thallas is-somma ta' elf euro (€1000) qabel ma gie intavolat l-avviz odjern.

2. Illi l-intimata m'ghandha l-ebda proprjeta` gewwa San Gwann.
3. Illi r-rikorrent ma wettaq l-ebda xogholijiet ta' kostruzzjoni f'xi proprjeta` tal-intimata.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftit xogholijiet ta' *fittings* li ghamel ir-rikorrent, dawn twaqqfu hesrem mill-istess rikorrent u ghalhekk l-intimata thalliet b'xoghol nofs sajran.
5. Illi l-istess intimata hallset lir-rikorrent iktar minn kemm originarjament miftiehem
6. Illi r-rikorrenti kkaguna danni konsiderevoli fil-fond tal-intimata u f'tali girien, liema danni kellha ssofrihom hi.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2020.

Ra li waqt l-istess seduta it-Tribunal laqa', fin-nuqqas ta' opposizzjoni, it-talba ghal korrezzjoni tal-avviz fis-sens illi jigi dikjarat li x-xogholijiet ghand il-konvenuta saru fi proprjeta` taghha f'San Giljan.

Ra l-affidavit ta' Raymond Borg waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2020.

Ra li l-affidavit tal-konvenuta prezentat fl-14 ta' Jannar, 2021 gie sfilzat waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021 fuq talba tal-avukat tal-attur u dana ghar-ragunijiet hemmhekk verbalizzati.

Ra li waqt l-istess seduta it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi maghluqin.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' bilanc allegatament dovut lilu fir-rigward ta' xoghol ta' appalt prestat minnu lill-konvenuta fi proprjeta` taghha. Ghal tali talba l-konvenuta wiegbet billi eccepiet fl-ewwel lok, illi hi qatt ma giet

interpellata sabiex thallas is-somma ta' elf euro (€1000) qabel ma gie intavolat l-avviz odjern, illi hi m'ghandha l-ebda proprjeta` gewwa San Gwann, illi r-rikorrent ma wettaq l-ebda xogholijiet ta' kostruzzjoni f'xi proprjeta` tal-intimata, illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftit xogholijiet ta' *fittings* li ghamel ir-rikorrent, dawn twaqqfu hesrem mill-istess rikorrent u ghalhekk l-intimata thalliet b'xoghol nofs sajran, illi l-istess intimata hallset lir-rikorrent iktar minn kemm originarjament miftiehem u li r-rikorrenti kkaguna danni konsiderevoli fil-fond tal-intimata u f'tali girien, liema danni kellha ssofrihom hi.

Illi t-Tribunal jinnota minnufih li t-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimata fis-sens illi hija m'ghandha ebda proprjeta`gewwa San Gwann tinsab sorvolata in vista tal-korrezzjoni awtorizzata waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2020 fejn ir-referenza ghall-proprjeta` f'San Gwann giet korretta ghal dik f'San Giljan u dana peress li l-indirizz tal-konvenuta jinsab proprju f'San Giljan kif jirrizulta mill-avviz u notifika relattiva. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jastjeni milli jiehu kunjizzjoni ulterjuri ta' tali eccezzjoni.

Illi fir-rigward tal-mertu l-attur fisser kif kienet ikkuntatjatu l-konvenut u:

> "*kienet infurmatni li kienet separata minn mar-ragel taghha, kellhom dar wahda u dawn xtaqu li jaqsmuha fi tnejn fil-fatt ir-ragel xtaq li jghix fuq u hi tibqa tghix isfel, kellha kamra u garaxx. Nghid li l-entratura kienet ser tibqa komuni madanakollu fir-rigward ta' wara li tidhol is-Sinjura Ungaro kien ser ikollha entratura separata ghaliha li jiena ghamiltilha bil-gypsum boards, ghamiltilha d-dawl u d-drainage sabiex setghet tinstalla l-kcina, fil-fatt jiena ghamilt ukoll toqba minn din il-kamra li kienet fuq ghal garaxx ghal isfel biex b'hekk setghet taccedi mill-garaxx ghal kamra u terga tinzel isfel. Din it-toqba kienet intiza biex jigi nstallat garigor. Apparti dan ix-xoghol jiena ghamilt ukoll xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-garaxx anke sahansitra madum mal-hajt. Iffurmajt ukoll il-garigor li semmejt bil-hajt tal-bricks, ghamilt ukoll iddawl, kien hemm sink u washing machine isfel. Il-garaxx qsamtu wkoll f'partitions sabiex tigi ffurmata l-kamra tas-sodda, ghaddejt id-dawl li kien hemm bzonn anke d-drains tal-airconditions, bdejt bil-madum*

> *u bil-kisi kollu. Jiena prattikament lis-Sinjura Ungaro tajtha l-post lest kull ma kien jonqosha kienu xi affarijiet zghar.*"

Huwa ressaq ukoll ix-xhud Raymond Borg li, permezz tal-affidavit tieghu ikkonferma l-verzjoni tal-istess attur billi xehed li l-konvenuta "*baqghalha taghti €1000 tax-xogholijiet illi hdimnielha. Dan l-ammont ta' €1000 jinkludi xogholijiet ta' dawl u ilma, irrangajna plakek, irrangajna l-main tal-ilma biddilna pajpijiet tal-ilma, bajjadna l-kamra t'isfel fejn l-ewwel qaxxarniha kollha u mbaghad zbajniha bl-abjad, wahhalna u nvellajna l-madum tal-art t'isfel ghaliex kien ghadu fuq is-siment, peress illi dan kien garaxx u mbaghad ghamlet partition biex tqassam il-binja taghha, wahhalna wkoll madum mal-hitan u garrejna wkoll xi affarijiet bhal sufanijiet minn Hal-Lija sa San Giljan.*" . B'referenza ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta l-attur xehed:

> *B'referenza ghat-tielet eccezzjoni li qed tinqrali mit-Tribunal nghid li jiena ghamilt xogholijiet ta' kostruzzjoni konsistenti mit-thaffir ta' dik it-toqba li semmejt sabiex jigi nstallat il-garigor u l-bini ta' dan il-garigor bil-hitan tal-bricks. Apparti hekk jiena ghaddejt dawl u ilma u ghamilt xogholijiet ohrajn ta' kostruzzjoni nkluz it-tqeghid tal-madum u l-konnessjonijiet kisi u tibjid kif spjegajt fix-xhieda tieghi.*

B'referenza ghar-raba' eccezzjoni l-attur ukoll kompla jixhed:

> *Nghid li fir-rigward tar-raba' eccezzjoni jiena kont waqaft milli nkompli x-xoghol sempliciment ghaliex kienet waqfitni hi, nghid li jiena kont dispost li naghmel xoghol fil-kamra tal-banju imma kienet l-istess intimata li waqfitni. Jiena bl-ebda mod lilha ma hallejtha b'xoghol b'nofs sajran kif hi qeghda tghid li jiena ghamilt.*

Illi l-attur jikkonferma wkoll li huwa talab tali hlas lill-intimata imma din mhux biss irrifjutat li thallsu imma wkoll itterminat l-appalt moghti minnha lilu ("*kont cempiltilha madwar hmistax-il gurnata wara sabiex nara kif konna ser nibqghu dwar il-pagament u dwar il-kamra tal-banju pero' hi qaltli f'dik l-okkazzjoni li ma riditx la thallasni u lanqas riedet is-servizzi tieghi fir-rigward tal-kamra tal-banju ghax kienet qabdet lil haddiehor*" xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2020).

Illi t-Tribunal ra li l-intimata ghazlet li tixhed permezz ta' affidavit li, in vista tan-nuqqas ripetut taghha sabiex tattendi ghas-seduti sabiex tigi debitament kontro-ezaminata, tali affidavit gie sfilzat mill-atti ta'dawn il-proceduri. Isib ukoll li l-eccezzjonijiet tal-istess intimata oltre milli allura mhux pruvati huma serjament kuntradittorji bejniethom u dana billi, permezz tar-risposta taghha, fl-ewwel lok l-intimata tikkontendi, permezz tat-tielet eccezzjoni taghha, li "*r-rikorrenti ma wettaq l-ebda xogholijiet ta' kostruzzjoni f'xi proprjeta`tal-intimata*" imma mbaghad tkompli billi tikkontendi li huwa kien qed jaghmel "*ftit xoghol ta' 'fittings' (li) twaqqfu hesrem mill-istess rikorrenti*"(ir-raba'eccezzjoni) u li hija halsitu *in toto* (Il-hames eccezzjoni) u "*aktar minn kemm originarjament miftiehem*" (is-sitt eccezzjoni) u wkoll li wettaq "*danni konsiderevoli fil-fond tal-intimata u f'tal-girien*" (is-seba' eccezzjoni). Jinghad allura li oltre milli mhux pruvati, tali eccezzjonijiet kjarament jeskludu lil xulxin fis-sens illi ma jistax ikun li r-rikorrenti ma wettaq ebda appalt imma fl-istess waqt waqaf mill-appalt moghti lilu, thallas ghalih u wkoll wettaq danni fil-proprjeta` li fih kellu jsir tali appalt.

Illi aktar minn hekk irrizulta mill-provi li r-rikorrenti qieghed ifittex ghall-hlas lilu tal-prezz tax-xoghol imwettaq minnu, inkluz il-materjal supplit lilu ghall-istess. Kwindi anke a tenur tal- art. 1640 tal-**Kodici Civili** huwa car li, anke indipendentement mir-raguni ghall-hall tal-appalt, tali hlas huwa dovut lill-istess attur fin-nuqqas ta' provi li jiggustifikaw xi temperament f'tali rigward skont l-istess artikolu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta stante l-korrezzjoni awtorizzata waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2020, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u kwindi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma mitluba ta' elf euro (€1000) rapprezentanti bilanc dovut fuq xogholijiet ta' kostruzzjoni

u xoghol iehor fil-proprjeta` tal-istess konvenuta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-8 ta' Frar, 2020, data li fiha l-konvenuta giet notifikata bl-avviz odjern, kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**